**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 549/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1372/1988)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-esponenti u l-intimat C B, izzewgu fis-6 ta' Awwissu 1988 fil-Lukanda Holiday Inn, Sliema, u z-zwieg taghhom gie registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bl-Att taz-Zwieg numru 1372/1988 (Dokument A).

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal li jisimhom D u E, illum it-tnejn maggorenni u ghandhom 'il fuq minn 23 sena. Illi l-

istess partijiet isseparaw b'kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler (Dokument B). B'dan il-kuntratt, l-intimat kien intrabat li jghaddi lill-esponenti s-somma ta' LMS fil-gimgha manteniment ghaliha u ghal uliedha. Bl-istess kuntratt, huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin, u xoljew u llikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejniethom.

3. Illi llum l-esponnti ma ghadx ghandha interess fil-manteniment u ma fadlilha tiehu xejn minghand l-intimat f'dan ir-rigward.

4. Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin sa minn qabel id-data tas-separazzjoni legali taghhom, u ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talbet lill-intimat sabiex din il-Qorti joghgobha tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg numru 1372/1988.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota li ġiet ipprezentata mill-intimat li permezz taghha espona illi:

Fl-ewwel lok l-esponent jaghti ruhu notifikat bir-rikors promotur u l-atti tal-kawza fl- ismijiet premessi.

L-esponent jikkonferma wkoll illi huwa u r-rikorrenti A B izzewgu fis-6 ta' Awissu 1988 til-Lukanda Holiday Inn, Sliema, u z-zwieg taghhom gie registrat fl- Ufficju tar-Registru Pubbliku bl-Att taz-Zwieg numru 1372/1988. Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li jisimhom D u E, illum it-tnejn maggorenni u ghandhom 'il fuq minn 23 sena.

Illi l-istess partijiet isseparaw b'kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, li bih huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji fil-konfront ta xulxin u xoljew u llikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ga czistenti bejniethom. Illum il-partijiet ma fadlilhom ebda pendenza ta' kwalsiasi natura fil-konfront ta xulxin. Huma ilhom jgħixu

mifrudin sa minn qabel id-data tas-separazzjoni legali taghhom, u ma hemm ebda prospett ghal rikoneiljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 t'Ottubru, 2023;

Rat in-nota tal- l-intimat illi permezz tagħha ddikjara li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta'Marzu 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.